

Brussell, 18 ta' Novembru 2016
(OR. en)

14630/16

ECOFIN 1062
UEM 369
SOC 727
EMPL 494
COMPET 603
ENV 725
EDUC 388
RECH 324
ENER 392
JAI 966
EUROGROUP 23

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Novembru 2016
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2016) 727 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT, LILL-KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI LEJN POŻIZZJONI FISKALI POŻITTIVA GĦAŻ-ŻONA TAL-EURO

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2016) 727 final.

Mehmuż: COM(2016) 727 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.11.2016
COM(2016) 727 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT, LILL-KUNSILL,
LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI
EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

LEJN POŻIZZJONI FISKALI POŻITTIVA GĦAŻ-ŻONA TAL-EURO

1. INTRODUZZJONI

Fl-Ittra ta' Intenzjoni li takkumpanja d-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2016, il-President Juncker u l-Ewwel Viċi President Timmermans ħabbru l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippromwovi "fir-Rakkomandazzjoni li jmiss dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, pożizzjoni fiskali pożittiva għaż-żona tal-euro, b'appoġġ għall-politika monetarja tal-Bank Ċentrali Ewropew."

Din il-Komunikazzjoni qed tiġi adottata flimkien mar-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro għall-2017-2018¹ u tistabbilixxi r-raġunament wara l-aspetti fiskali tagħha. Il-pubblikazzjoni tagħhom fil-bidu ta' ċiklu annwali tas-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, flimkien mal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir² u dokumenti relatati, jippermettu dibattitu f'waqtu dwar il-prijoritajiet ekonomiċi u soċjali fil-livell tal-UE, fil-livell taż-żona tal-euro u fil-livell nazzjonali. L-eżitu ta' dan id-dibattitu għandu jiġi rifless fil-politiki tal-Istati Membri u b'mod partikolari fil-programmi ekonomiċi u fiskali tagħhom fir-rebbiegħa tas-sena d-dieħla.

L-iffukar fuq il-ħtieġa għal pożizzjoni fiskali pożittiva għaż-żona tal-euro ġej minn kuntest usa' ta' tkabbir ekonomiku reżiljenti imma modest, kif muri mill-Previżjoni Ekonomika reċenti tal-Kummissjoni tal-Ħarifa 2016³. Sar progress sinifikanti f'dawn l-aħħar snin: il-PDG taż-żona tal-euro rkupra l-livell tiegħu ta' qabel il-kriżi f'termini reali mill-2015 'l hawn, il-qgħad naqas għall-iktar livell baxx mill-2010-11 'l hawn u l-investment reġa' beda jaqbad. Madankollu, l-irkupru taż-żona tal-euro għadu kajman, il-kapaċità mhux użata f'xogħol u kapital għadu sinifikanti u l-livell kumplessiv ta' inċertezza huwa għoli. Barra minn hekk, il-prospetti ta' tkabbir ristretti u inċerti barra mill-UE jissuġġerixxu appoġġ baxx mill-esperti, jekk jappoġġawhom. Il-kontinwazzjoni tal-espansjoni fiż-żona tal-euro għalhekk tkun teħtieġ li tibbaża dejjem iktar fuq id-domanda domestika.

Il-politika monetarja kienet tiffavorixxi t-tkabir fis-snin reċenti, imma dan mhuwiex daqstant il-każ għall-politika fiskali. Tul l-2011 sal-2013, il-pożizzjoni fiskali aggregata kienet reċessjonarja peress li ħafna Stati Membri kienu impenjati f'konsolidament fiskali biex jippreservaw l-aċċess tagħhom għas-swieq fl-eqel tal-kriżi tad-dejn sovrani. Filwaqt li dan naqqas it-tkabir, tqies li kien neċessarju biex iħares l-istabbiltà finanzjarja f'ċirkostanzi bla preċedenti u biex jirreaġixxi għar-riskju ta' kontagġju madwar iż-żona tal-euro, li kien iwassal għal xenarji terġa' agħar. Fl-2014-2015, il-pożizzjoni tal-politika fiskali aggregata nbidlet f'waħda ġeneralment newtrali u mbagħad f'waħda daqsxejn espansjonarja fl-2016, imma hija mistennija terġa' tkun ġeneralment newtrali fl-2017.

Din is-sitwazzjoni tenfasizza parzjalment il-limiti tal-qafas fiskali tal-UE⁴. L-ewwel nett, il-qafas fiskali attwali ma fihx regoli jew strumenti biex il-pożizzjoni fiskali aggregata taż-żona tal-euro tiġi ġestita direttament, li hija differenza kruċjali meta mqabbla ma' żoni ta' muniti

¹ Ara COM(2016) 726 final, 16.11.2016.

² Ara COM(2016) 725 final, 16.11.2016.

³ Il-Previżjoni tinstab fl-indirizz: http://ec.europa.eu/economy_finance/eu/forecasts/2016_autumn_forecast_en.htm

⁴ Ara wkoll il-kapitolu dwar "il-pożizzjoni fiskali taż-żona tal-euro" tal-Bulletin tal-Bank Ċentrali Ewropew ta' Ġunju 2016.

unifikati madwar id-dinja. Ir-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro qed issir sors ta' referenza biex tiggwida l-isforzi, imma l-effikaċja tagħha fl-aħħar mill-aħħar tiddependi mill-individwu u mix-xewqa kollettiva tal-Istati Membri li jieħdu azzjoni.

It-tieni, ir-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir huma essenzjalment maħsuba biex jipprevjenu livelli eċċessivi ta' defiċit u ta' dejn tal-gvern⁵. Dawn jipprevedu mekkaniżmi aktar stretti u vinkolanti għall-Istati Membri li huma 'l bogħod mill-oġettiv baġitarju ta' terminu medju tagħhom, anke bħala mezz biex jerġgħu jiksbu marġni għall-istabbilizzazzjoni makroekonomika. Madankollu, għal dawk l-Istati Membri li kisbu l-miri fiskali tagħhom u/jew għandhom aktar spazju fiskali biex jaġixxu, l-għodod tas-Semestru Ewropew jistgħu jirrakkomandaw biss, mhux jinfurzu, politiki fiskali iktar espansjonarji. Dan jirrifletti dak li ġieli jiġi deskritt bħala l-asimetrija tal-qafas fiskali tal-UE: ir-regoli jistgħu jipprojbixxu d-defiċits għoljin (anke biex jiġi evitat dejn kbir) imma jistgħu jippreskrivu biss it-tnaqqis tal-bilanċi pożittivi, mingħajr ma jimponuhom.

Minħabba l-ħtieġa li jiġi appoġġat l-irkupru li għaddej, u biex jingħeleb ir-riskju li wieħed jinqabad f'nassa ta' "tkabbir baxx, inflazzjoni baxxa", din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi l-każ għal pożizzjoni fiskali b'mod sinifikanti iktar pożittiva għaż-żona tal-euro f'dan il-mument. Pożizzjoni fiskali pożittiva tirreferi kemm għad-direzzjoni ta' appoġġ, jiġifieri espansjonarja, li jenħtieġ li l-politika fiskali tieħu b'mod ġenerali, u għall-kwalità tal-kompożizzjoni tal-aġġustament, f'termini ta' ripartizzjoni tal-isforzi fost il-pajjiżi u t-tipi ta' nfiq u/jew taxxi warajhom.

Is-sitwazzjoni attwali hija subottimali f'tal-inqas żewġ aspetti. L-ewwel nett, fid-dawl tal-aħħar dejta ekonomika u baġitarja, issodisfar sħiħ tar-rekwiżiti fiskali li jinsabu fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-Kunsill iwassal, b'mod aggregat, għal pożizzjoni fiskali moderatament restrittiva għaż-żona tal-euro kollha fl-2017 u l-2018, filwaqt li l-qagħda ekonomika tidher li titlob pożizzjoni fiskali espansjonarja fiċ-ċirkostanzi preżenti.

It-tieni, l-aggregat fiskali attwali jaħbi distribuzzjoni inugwali ħafna fost l-Istati Membri, li ma tagħmilx ħafna sens għall-ekonomija mill-perspettiva taż-żona tal-euro. Din is-sitwazzjoni ġiet deskritta fil-qosor fil-forma ta' paradoss evidenti: dawk li ma għandhomx spazju fiskali jridu jużawh; dawk li għandhom spazju fiskali ma jridux jużawh. Hemm bżonn ta' approċċ aktar kollettiv biex jingħeleb ir-riskju ta' xenarju għaż-żona tal-euro kollha fejn kulħadd joħroġ tellief.

Meta wieħed jersaq lejn pożizzjoni fiskali pożittiva bħal din, hemm għadd ta' limitazzjonijiet ekonomiċi u ġuridiċi li jridu jitqiesu, u compromessi possibbli li jridu jiġu rikonoxxuti. Barra minn hekk, din il-Komunikazzjoni tenfasizza l-ħtieġa kruċjali li titjieb il-kwalità tal-finanzi pubbliċi bil-ħsieb li jiġi mmassimizzat l-impatt tagħhom fuq l-impjiegi u t-tkabbir, flimkien

⁵ Dawn ir-regoli ġew imsaħħa b'mod sinifikanti tul l-2011–2013 b'reazzjoni għall-kriżi finanzjarja u dik tad-dejn sovrani.

mal-ġustizzja soċjali, mhux biss fil-livell nazzjonali, imma anke billi wieħed iħares lejn iż-żona tal-euro bħala aggregat.

Hawnhekk wieħed jista' jasal għal għadd ta' konklużjonijiet u l-aktar implikazzjonijiet politiċi immedjati huma ppreżentati fir-Rakkomandazzjoni proposta dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro għall-2017-2018, li hija ppubblikata flimkien ma' din il-Komunikazzjoni.

Kaxxa 1: Il-pożizzjoni fiskali taż-żona tal-euro

Filwaqt li ma hemm l-ebda definizzjoni aċċettata b'mod universali, il-"politika fiskali" normalment tinftehem bħala l-orjentazzjoni mogħtija lill-politika fiskali mid-deċiżjonijiet diskrezzjonarji tal-gvernijiet dwar it-taxxi u l-infiq. Tradizzjonalment, il-pożizzjoni fiskali tinstab fil-bidla fl-bilanċ primarju strutturali

(jigħifieri l-bilanċ baġitarju korrett għall-impatt miċ-ċiklu ekonomiku, mill-miżuri mhux permanenti u mill-pagamenti tal-imgħax), għalkemm indikaturi oħrajn jistgħu jintużaw ukoll biex jikkarakterizzawha (bħal indikaturi bbażati fuq it-tkabbir fl-infiq nett mill-miżuri ta' introjtu ġodda). Skont il-gvern jiddeċidix li jappoġġa, inaqqas jew iħalli l-istess l-impatt tal-finanzi pubbliċi fuq l-ekonomija reali – permezz ta' żieda / tnaqqis tal-infiq, nett mill-miżuri ta' tassazzjoni ġodda – il-pożizzjoni fiskali titqies bħala "espansjonarja", "reċessjonarja" jew "newtrali", rispettivament.

Flimkien mal-politika monetarja, il-politika fiskali għandha rwol fl-istabbilizzazzjoni tal-ambjent makroekonomiku, filwaqt li sservi wkoll għanijiet usa' f'termini ta' sostenibbiltà fiskali u funzjonijiet ta' ridistribuzzjoni. L-orjentazzjoni tal-pożizzjoni fiskali tiddetermina r-rwol li jkollha dik il-politika fiskali fiċ-ċiklu ekonomiku, li jista' jkun bejn wieħed u ieħor iktar jew inqas proċikliku jew kontroċikliku skont iċ-ċirkostanzi.

Meta wieħed iħares lejn iż-żona tal-euro kollha, ta' min jinnota li filwaqt li l-politika monetarja hija maħsuba u mfassla bħala strument uniku, il-politika fiskali kumplessiva hija r-riżultat tal-aggregazzjoni ta' 19-il politika fiskali individwali. L-għodod tas-Semestru Ewropew u r-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ilhom jipprovdu direzzjoni għal azzjoni fil-livell nazzjonali imma, minbarra r-rwol reċenti li ħadet ir-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, il-koordinament tal-azzjonijiet s'issa kien limitat, u s-sitwazzjoni u l-isfidi taż-żona tal-euro ma ġewx ikkunsidrati faċilment. B'mod partikolari, jekk l-aggregazzjoni tal-politiki fiskali nazzjonali tirriżultax f'pożizzjoni fiskali taż-żona tal-euro li hija xierqa u konsistenti mal-politika monetarja, għadha pjuttost każwali. Din il-kwistjoni hija partikolarment rilevanti meta r-rati tal-imgħax tal-politika monetarja jilhqqu "livell inferjuri zero" (ara l-Anness 2).

Id-diskussjoni dwar il-pożizzjoni fiskali xierqa għaż-żona tal-euro hija aspekk ewlieni tal-isforzi tal-Kummissjoni biex issaħħaħ id-dibattitu dwar l-interess ġenerali taż-żona tal-euro u r-responsabbiltà kollettiva għaliha, bħala parti mill-Ewwel Stadju tas-segwitu għar-Rapport tal-Ħames Presidenti biex Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa ("napprofondixxu permezz tal-azzjoni")⁶.

2. L-AMBIENT EKONOMIKU MĦALLAT JITLOB POŻIZZJONI FISKALI POŻITTIVA

⁶ Ara r-rapport fl-indirizz: https://ec.europa.eu/priorities/sites/beta-political/files/5-presidents-report_mt.pdf

Meta mqabbel mal-perjodu ta' qabel il-kriżi, il-potenzjal tat-tkabbir għat-terminu l-medju taż-żona tal-euro Prattikament naqas bin-nofs. Dan huwa parzjalment marbut mal-iżviluppi demografiċi u usa' imma jirrifletti wkoll dak li hu magħruf bħala l-“effetti ta' istereżi” li jirriżulta minn kriżi: il-prestazzjoni dgħajfa tal-ekonomija fuq perjodu ta' żmien prolongat jista' jiddegrada l-kapital fiżiku u l-produttività u l-parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol, sal-punt li jnaqqas permanentement il-potenzjal tat-tkabbir⁷. Kif enfasizzat fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2017 u fir-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, biex jogħla l-potenzjal tat-tkabbir tal-UE, l-ewwel u qabel kollox irid ikun hemm politiki strutturali li jagħtu spinta lill-impjiegi u l-produttività, imma politika fiskali responsabbli u li tgħin it-tkabbir għandha rwol ukoll, speċjalment bħalissa.

Il-perspettiva ekonomika attwali hija mħallta, bl-irkupru jipproċedi b'mod kostanti mill-2013 'il quddiem, imma jonqos milli jaċċellera. Il-PDG taż-żona tal-euro issa qabeż il-livell ta' qabel il-kriżi imma l-irkupru baqa' kajman, b'inċertezza kontinwa dwar il-qawwa tiegħu u evidenza li tissuġġerixxi li għad hemm potenzjal sinifikanti fl-ekonomija li għadu mhux qed jiġi sfruttat. L-inflazzjoni wkoll qed tibqa' persistentement baxxa minkejja miżuri tal-politika monetarja bla preċedenti. Minbarra hekk, ir-riskji negattivi huma kbar. Is-surplus estern kbir ħafna taż-żona tal-euro għadu jaħbi żbilanċi makroekonomiċi usa'. Il-qgħad nieżel imma għadu f'livelli għoljin ħafna f'xi Stati Membri. It-tkabbir fil-produttività u t-tkabbir fil-pagi għadhom ristretti. Bir-riżultat tar-referendum tar-Renju Unit dwar is-sħubija mal-UE u żviluppi ġeopolitiċi oħrajn, feġġew sorsi ġodda ta' inċertezza. Dan jenfasizza l-bżonn ta' tisħiħ tas-sorsi domestiċi tat-tkabbir.

Peress li l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) qed juża l-għodod tal-politika monetarja tiegħu b'mod estensiv, hemm aċċettazzjoni mifruxa li l-politika monetarja ma tistax tiflaħ għall-piż kollu tal-istabbilizzazzjoni makroekonomika, u li hemm bżonn li politika fiskali responsabbli li tgħin it-tkabbir ikollha rwol ikbar fis-sostenn għall-irkupru taż-żona tal-euro. Dan hu tħassib kondiviż fost il-komunità globali: fil-laqgħat reċenti tiegħu, il-G20 tenna l-impenn tal-membri tiegħu għal strateġija ta' tkabbir bi tliet pilastri, bl-istqarrija ta' Settembru 2016 tgħid "aħna determinati li nużaw l-għodod politiċi kollha – monetarji, fiskali u strutturali – individwalment u kollettivament biex niksbu l-għan tagħna ta' tkabbir qawwi, sostenibbli, ibbilanċjat u inklussiv.”⁸

F'dan il-mument hemm kemm il-bżonn kif ukoll l-opportunità biex naġixxu fuq il-front fiskali, anke biex nirribilanċjaw it-taħlita kumplessiva ta' politiki taż-żona tal-euro. Aspettattivi dwar l-inflazzjoni effettivi u mistennija għadhom ma jilhqax id-definizzjoni ta' stabbiltà fil-prezzijiet stabbilita mill-BĊE (jiġifieri inflazzjoni inqas minn 2 % imma qrib fit-terminu l-medju). Flimkien mal-impenn lejn ir-riformi strutturali u ffukar qawwi fuq l-investment, il-politika fiskali trid tikkontribwixxi b'mod iktar dirett għad-domanda domestika, tappoġġa l-irkupru u toħroġ mit-territorju ta' inflazzjoni baxxa. Żieda bħal din fl-

⁷ Eżempji tipiċi jinkludu t-telf ta' ħiliet li jirriżultaw minn livelli ta' qgħad għoljin u prolongati u l-ħolqien ta' diskrepanzi kbar fl-investment, kif esperjenzat fl-Ewropa.

⁸ Komunikat tal-Mexxejja tal-G20 fis-Samit ta' Hangzhou, 1-4-5 ta' Settembru 2016.

inflazzjoni tista' tikkontribwixxi wkoll għan-normalizzazzjoni tar-rati tal-imgħax, b'impatt pożittiv fuq ir-rimunerazzjoni tat-tfaddil u b'mod iktar ġenerali fuq il-funzjonament tas-settur finanzjarju, li għadu jrid jittratta d-dejn li wiret mill-kriżi.

Minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari, l-impatt makroekonomiku tal-politika fiskali x'aktarx li jkun iktar qawwi milli fi żminijiet normali. L-effikaċja tal-politika fiskali bħala għodda ta' stabilizzazzjoni tiddependi fuq l-ambjent ekonomiku kumplessiv li tintuża fih. Minħabba l-fatt li l-politika monetarja tinsab fil-"livell ta' mgħax zero" (jew il-"livell inferjuri zero"), l-impatt fuq il-miżuri tal-politika fiskali kemm fuq l-ekonomija reali (l-effett "multiplikatur") u kemm fuq l-ekonomiji tal-pajjiżi l-oħrajn (l-effett "kollaterali") huma akbar milli kien ikun il-każ⁹ kieku, pereżempju, ir-rati tal-imgħax kienu jkunu għoljin jew f'riskju li jogħlew malajr, u li l-istimolu pubbliku jkun qed jirriskja li joħnoq l-investment privat (ara l-Anness 2). Barra minn hekk, il-kurrent attwali ta' riżultati ta' rati tal-imgħax baxxi jirriżulta f'kostijiet sinifikantement orħos għall-finanzjament jew ir-rifinanzjament tal-baġits pubbliċi.

Jekk ikun imfassal sew, speċjalment flimkien ma' riformi u appoġġ għall-investment, politika fiskali iktar attiva illum tista' tikkontribwixxi għal tnaqqis iktar mgħaġġel fil-qgħad fit-terminu l-qasir, imma anke biex tingħata spinta lit-tkabbir (potenzjali) fit-terminu l-medju fiż-żona tal-euro. Għad hemm laxkezza konsiderevoli fl-ekonomija bħalissa u sfida ewlenija hija li tiġi evitata sitwazzjoni ta' "tkabbir baxx, inflazzjoni baxxa" milli trabbi l-għeruq. Hemm ukoll "għeja mir-riformi" sinifikanti wara snin ta' kriżi: il-kapaċità biex jinbdeu u jitwettqu riformi strutturali maġġuri tista' ggarra xi spejjeż għall-finanzi pubbliċi fit-terminu l-qasir imma jekk jirnexxu, dawn ir-riformi jista' jkollhom effetti baġitarji pożittivi diretti fit-tul, inkluż billi jżidu l-potenzjal ta' tkabbir. Minbarra sostenn għall-irkupru domestiku, politika fiskali iktar ta' sostenn tiġġenera wkoll effetti kollaterali pożittivi għall-ekonomija globali, billi tikkontribwixxi għal surplus iktar baxx fil-kont kurrenti taż-żona tal-euro, u b'hekk tgħin biex tittratta l-iżbilanċi globali.

Inizjattivi reċenti fil-livell tal-UE jikkontribwixxu għall-massimizzazzjoni tal-impatt tal-finanzi pubbliċi fuq l-ekonomija reali. Bl-iffukar tiegħu fuq ingranaġġ tal-fondi privati fi proġetti ta' investment ekonomikament vijabbli u sostenibbli, il-Pjan ta' Investment għall-Ewropa jikkontribwixxi għat-trattament tad-diskrepanza fl-investment akkumulata waqt is-snin ta' kriżi¹⁰. Il-kumbinazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej u tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi hija partikolarment promettenti biex tipprovdi strumenti finanzjarji innovattivi ġodda li jimmassimizzaw l-impatt ekonomiku ta' kull euro pubbliku investit. Il-progress bit-tlestija tal-Unjoni Bankarja u tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali¹¹ huma essenzjali wkoll biex jiġu ddiversifikati s-sorsi ta' finanzjament għall-ekonomija reali u b'hekk biex tonqos il-pressjoni minn fuq il-finanzi pubbliċi. L-iffukar, bħala parti mis-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika fl-impenn għal riforma

⁹ L-effett kollaterali tal-istimolu fiskali fi Stati Membri tal-UE "kruċjali" ġeneralment jinstab li jkun dgħajfef fi żminijiet normali. Madankollu, dan jista' ma jkunx minnu fis-sitwazzjoni li ninsabu fiha bħalissa bir-rata tal-inflazzjoni u dik tal-imgħax persistentement baxxi ħafna. B'mod partikolari, l-investment pubbliku f'pajjiżi li għandhom surplus jista' jkollu effetti kollaterali pożittivi sinifikanti fuq il-PDG tal-bqija taż-żona tal-euro (ara l-Anness 2).

¹⁰ FI-14 ta' Settembru 2016, il-Kummissjoni pproponiet li testendi ż-żmien tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) u li żżid il-mira tal-investment tiegħu għal tal-inqas EUR 500 biljun sa tmiem l-2020, u EUR 630 biljun sal-2022.

¹¹ Ara COM(2016) 601 final, 14.9.2016.


strutturali bħala sostenn għall-investment (l-hekk imsejjaħ "it-tielet pilastru" tal-Pjan ta' Investment għall-Ewropa) huwa essenzjali wkoll biex tiġi mmassimizzata l-effikaċja tal-politika fiskali.

3. IL-POŻIZZJONI FISKALI TAŻ-ŻONA TAL-EURO LLUM

Biex tiġi vvalutata l-qagħda attwali, importanti li wieħed iqis iż-żona tal-euro bħala entità waħda, daqslikieku kien hemm Ministru tal-Finanzi għaż-żona tal-euro kollha u li jħares lejn il-politika fiskali tagħha f'termini aggregati. Dan hu l-approċċ li ttieħed f'din it-taqsima.

Kumplessivament, wara l-konsolidazzjoni fiskali sinifikanti fl-2011-2013, il-pożizzjoni fiskali taż-żona tal-euro hija stmata li tkun ġeneralment newtrali fl-2014-2017 (ara l-grafika ta' hawn taħt). Il-pożizzjoni fiskali taż-żona tal-euro kienet reċessjonarja fil-perjodu 2011-2013, fi żmien meta l-ekonomija kienet qed tiddeterjora. Il-pożizzjoni fiskali saret ġeneralment newtrali fl-2014-2015 u daqsxejn espansjonarja fl-2016, fl-isfond ta' rkupru. Għall-2017, kemm l-aggregazzjoni tal-abbozz ta' pjanijiet baġitarji (imsemmijin fil-grafika bħala "l-intenzjonijiet tal-Istati Membri") u t-Tbassir Ekonomiku tal-Ħarifa tal-2016 tal-Kummissjoni jippuntaw għal darba oħra lejn pożizzjoni fiskali ġeneralment newtrali.

Il-pożizzjoni fiskali taż-żona tal-euro matul l-2011-2017



Nota: Din il-grafika turi l-politika fiskali taż-żona tal-euro, jiġifieri l-orjentazzjoni tal-politika fiskali fuq livell aggregat. Dan jitkejjel mill-bidla fil-bilanċ primarju strutturali (ara wkoll il-Kaxxa 1). Valur pożittiv jikkorrispondi għal defiċit fiskali li qed jikber (li jikkontribwixxi għal "espansjoni fiskali"), filwaqt li valur negattiv jikkorrispondi għal defiċit fiskali li qed jonqos ("konsolidazzjoni fiskali"). L-aggregat ma jinkludix il-Greċja, li qiegħda fi programm ta' aġġustament makroekonomiku.

Fid-dawl tal-irkupru kajman u tar-riskji fl-ambjent makroekonomiku, hemm argument favur pożizzjoni fiskali moderatament espansjonarja għaż-żona tal-euro bħalissa. Abbażi tal-istimi mis-servizzi tal-Kummissjoni, espansjoni fiskali ta' 'l fuq minn 0,5 % tal-PDG fil-livell taż-żona tal-euro kollha titqies bħala xi ħaġa mixtieqa għall-2017 fiċ-

ċirkostanzi preżenti¹². Din iċ-ċifra tirriżulta minn valutazzjoni tas-sitwazzjoni tal-livelli ta' attività ekonomika, il-kapaċità żejda, il-qgħad u l-inflazzjoni. Il-mira hija waħda prammatika u prudenti f'firxa wiesgħa ta' stimuli: pożizzjoni fiskali espansjonarja bħal din tnaqqas is-sehem ta' kapaċità produttiva mhux użata fiż-żona tal-euro, filwaqt li tappoġġa l-politika monetarja¹³ u tevita soprażbilanċ bla bżonn tal-ekonomija.

Filwaqt li d-direzzjoni hija ċara, il-mira eżatta tista' titqies f'firxa u teħtieġ ġudizzju. Espansjoni fiskali ta' 0,3% tkun il-livell inferjuri tal-firxa: din tikkontribwixxi biex ikun żgurat li ż-żona tal-euro tnaqqas bin-nofs il-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni fl-2017¹⁴, filwaqt li tkun ġeneralment kompatibbli mal-oġġettiv ta' sostenibbiltà fiskali. Madankollu, pożizzjoni bħal din tista' ma tkunx ambizzjuża biżżejjed, speċjalment peress li l-istimi tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni jinsabu qalb inċertezza, li tista' tirriżulta f'sottovalutazzjoni tal-bżonn ta' stabbilizzazzjoni fiż-żona tal-euro. B'kuntrast, espansjoni fiskali ta' 0,8% tirrappreżenta livell superjuri: din tippermetti l-ġheluq tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni diġà fl-2017. Madankollu, din il-pożizzjoni tista' tkun espansjonarja żżejjed, peress li tista' tkun il-kaġun ta' soprażbilanċ mhux mixtieq f'xi Stati Membri u jmur kontra l-għan tal-preservazzjoni tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.

Il-kwistjoni illum hija li anke jekk l-ekonomisti jistgħu jindikaw pożizzjoni fiskali mixtieqa għaż-żona tal-euro biex jikkombinaw it-tħassib makroekonomiku ma' dak tas-sostenibbiltà fiskali, pożizzjoni fiskali bħal din ma tkunx ir-riżultat spontanju tal-applikazzjoni tar-regoli lil kull Stat Membru. Fid-dawl tal-aħħar dejta ekonomika u baġitarja, issodisfar sħiħ tar-rekwiżiti fiskali li jinsabu fir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż adottata mill-Kunsill f'Lulju 2016 jimplika, b'mod aggregat, pożizzjoni fiskali moderatament restrittiva għaż-żona tal-euro kollha fl-2017 u jistgħu jiġu mbassra xejriet simili għall-2018¹⁵ (ara l-Graff 4 fl-Anness 1). Dan mingħajr ma tiġi kkunsidrata l-flessibilità li teżisti fir-regoli biex jitqiesu ċirkostanzi ekonomiċi li jinbidlu¹⁶.

Waqt id-diskussjoni dwar il-pożizzjoni fiskali xierqa għaż-żona tal-euro illum, huwa importanti wkoll li jiġi enfasizzat li l-qagħda fiskali attwali qiegħda taħbi ripartizzjoni kjarament subottimali tal-aġġustament fiskali bejn il-pajjiżi f'dan il-mument partikolari. L-Istati Membri jinsabu f'qagħdiet differenti ħafna f'termini ta' spazju fiskali jew bżonnijiet ta' konsolidazzjoni (ara l-Graff 3 fl-Anness 1). Meta wieħed iħares lejn l-2017, l-Istati Membri bi bżonnijiet ta' konsolidazzjoni ulterjuri jidhru li jespandu aktar, li jista'

¹² Espansjoni fiskali ta' dan it-tip tikkorrispondi għal "stimolu" fiskali addizzjonali ta' madwar EUR 50 biljun għaż-żona tal-euro kollha fl-2017, meta mqabbla ma' xenarju fejn "kollox jibqa' l-istess" kif stmat fl-aħħar Tbassir tal-Kummissjoni. L-ammont jikkorrispondi għal żieda fid-defiċit strutturali (inklużi ħlasijiet tal-imgħax) biex tintlaħaq il-pożizzjoni fiskali mixtieqa.

¹³ Pożizzjoni fiskali espansjonarja ta' 0,5% tikkontribwixxi wkoll biex tagħlaq kwart tad-diskrepanza bejn l-inflazzjoni ewlenija mbassra fiż-żona tal-euro u l-oġġettiv ta' inflazzjoni ta' 2% fl-2017.

¹⁴ Il-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni huwa d-differenza fil-livell ta' produzzjoni ekonomika bejn dik reali u dik potenzjali.

¹⁵ Ir-rekwiżiti fiskali u l-pożizzjoni fiskali riżultanti għaż-żona tal-euro fl-2018 huma mistennija jkunu ġeneralment simili għal dawk għall-2017 peress li jiddependu minn kemm pajjiż jinsab 'il bogħod mill-oġġettiv fiskali għat-terminu medju tiegħu, il-qagħda ekonomika u l-livell ta' dejn, li mhumix imbassra li jinbidlu b'mod sinifikanti.

¹⁶ Ara COM(2015) 12 final, 13.1.2015.

jqajjem tħassib dwar is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tagħhom (ara l-Graff 5 fl-Anness 1). Min-naħa l-oħra, l-Istati Membri li jgawdu minn spazju fiskali mhux bilfors li jużawh. Dan jista' jgħid li tħassib dwar il-bżonn li jiżdied l-investiment u li jissaħħu l-bażijiet għat-tkabbir tagħhom, imma anke dwar il-kapaċità ta' sostenn għall-irkupru taż-żona tal-euro kollha.

4. LIMITAZZJONIJIET EKONOMIĊI U ĠURIDIĊI BIEX TINKISEB POŻIZZJONI FISKALI POŻITTIVA

Impenn lejn pożizzjoni fiskali pożittiva fil-livell taż-żona tal-euro aggregata tiġi b'limitazzjonijiet kemm ekonomiċi kif ukoll ġuridiċi. Il-limitazzjonijiet ekonomiċi huma relatati essenzjalment mal-bżonn li jiġu bbilanċjati l-bżonnijiet ta' stabbilizzazzjoni makroekonomika fit-terminu l-qasir bil-preservazzjoni tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fit-terminu l-medju, bħala parti minn aġenda ekonomika usa'. Il-limitazzjonijiet ġuridiċi jirreferu għall-operazzjoni tal-qafas ta' sorveljanza fiskali tal-UE f'ċerti ċirkostanzi. Iż-żewġ settijiet ta' limitazzjonijiet jiżvelaw il-possibbiltà ta' compromessi, li fl-aħħar mill-aħħar jeħtieġu għidazzju politiku.

It-tensjoni bejn il-bżonn li jiġi appoġġat l-irkupru tul it-terminu l-qasir u li jiġi żgurati finanzi pubbliċi sostenibbli fit-terminu l-medju hija partikolarment qawwija fl-Istati Membri b'livelli għoljin ħafna ta' dejn tal-gvern (ara l-Graff 3 u l-Graff 8 fl-Anness 1). F'dawk l-Istati Membri, politika fiskali attiva żżejjed tista' taggrava l-problemi ta' kunfidenza fis-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u fis-sostenibbiltà tal-irkupru, minflok tindirizzahom. Dan ikun partikolarment il-każ jekk l-istrateġija ma tkunx akkumpanjata minn riformi u politiki li jiżguraw li l-impatt fil-fatt jgħaddi għal fuq l-ekonomija reali, jekk jiġi ppruvat li ma kinitx kapaċi tnaqqas il-livelli tad-dejn b'mod sinifikanti u/jew jekk twassal li r-rati tal-imgħax jiżdiedu.

Is-sostenibbiltà fiskali tibqa' prijorità, speċjalment għal Stati Membri speċifiċi, imma l-isfidi naqsu b'mod sinifikanti mill-eqgħel tal-kriżi, u tista' ma tkunx sors maġġuri ta' riskji għaż-żona tal-euro kollha fit-terminu l-qasir. Is-sitwazzjoni tal-finanzi pubbliċi ddeterjorat ħafna tul l-2008–2012, bil-livelli ta' dejn tal-gvern jiżdiedu bħala medja minn 60% tal-PDG għal aktar minn 90% fiż-żona tal-euro. F'ħafna każijiet, iż-żieda kbira fid-dejn fil-passat reċenti hija r-riżultat ta' rikapitalizzazzjoni tal-banek u tkabbir baxx fil-PDG nominali, mhux minħabba kapriċċi fiskali. Id-dejn pubbliku issa qed jonqos kemm kemm mill-ogħla punt tiegħu ta' 92% fl-2015 imma l-livelli għadhom għoljin ħafna, pereżempju fis-seba' Stati Membri li qegħdin 'il fuq mill-medja taż-żona tal-euro: Il-Greċja (182% tal-PDG fl-2016), l-Italja (133%), il-Portugall (130%), Ċipru (107%), il-Belġju (107%), Spanja (99%) u Franza (96%). B'mod parallel, id-dejn pubbliku aggregat fiż-żona tal-euro niżel minn 'il fuq minn 6% tal-PDG fl-2010 għal inqas minn 2% fl-2016, u huwa pproġettat li jkompli jonqos.

Kif jidher hawn fuq, jidher li pożizzjoni fiskali iktar pożittiva tkun xierqa minħabba l-istat tal-irkupru imma ma tistax tkun preżunta għall-2017–2018. Il-qafas fiskali attwali tal-UE jiffoka essenzjalment fuq id-definizzjoni tar-rekwiżiti speċifiċi tal-Istati Membri, mingħajr ma jaqbad kompletament l-implikazzjonijiet għaż-żona tal-euro. Skont ir-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, il-loġika hija li l-Istati Membri jinsabu fl-aqwa pożizzjoni biex jippermettu lill-istabilizzaturi awtomatiċi jagħmlu xogħolhom kompletament ladarba l-baġit ikun laħaq l-oġettiv ta' terminu medju (OTM), u li hi mistennija xi konsolidazzjoni fiskali sakemm dan ikun il-każ. Ladarba jkunu għamlu l-aġġustament fiskali meħtieġa, huwa preżunt li dawk l-Istati Membri li jkunu laħqu l-OTM tagħhom u li jkollhom spazju fiskali jagħżlu li jsostnu d-domanda domestika, fl-interess tagħhom stess u b'mod aktar ġenerali, imma jkunu biss mistiedna jagħmlu dan: ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fihom gwida politika ċara dwar dan, imma ma jiġi indirizzat l-ebda rekwiżit fiskali kkwantifikat għal dawk l-Istati Membri. Għall-2017, ir-rakkomandazzjonijiet li saru skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jitolbu lil ħafna Stati Membri jkomplu jikkonsolidaw il-baġit tagħhom, jew biex jirranġaw id-defiċits eċċessivi (fil-parti korrettiva tal-Patt) jew biex jiksbu l-oġettivi ta' terminu medju tagħhom (fil-parti preventiva).

Li wieħed jikseb it-taħlita t-tajba ta' politiki għaż-żona tal-euro hija inqas ovvja fin-nuqqas ta' baġit ċentralizzat li jista' jkollu rwol iktar attiv. Anke jekk il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej jista' jkollhom rwol importanti fis-sostenn tad-domanda domestika¹⁷, il-baġit attwali tal-UE huwa relattivament żgħir, b'1% tal-PGD tal-UE, u mhux immirat speċifikament lejn il-bżonnijiet taż-żona tal-euro, b'possibilitajiet limitati għall-aġġustament tiegħu minn sena għall-oħra. Dak l-element ġie enfasizzat ukoll fir-Rapport tal-Ħames Presidenti dwar it-Tlestija tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa.

5. IL-KOMPOŻIZZJONI U L-KWALITÀ TAL-KWISTJONI TAL-POŻIZZJONI FISKALI

Il-promozzjoni ta' pożizzjoni fiskali pożittiva mhix biss kwistjoni tad-direzzjoni u tad-daqs tal-bilanċ baġitarju, imma wkoll parti kbira mill-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi warajh. Flimkien mal-kwistjoni tar-ripartizzjoni tal-aġġustament fost l-Istati Membri msemmija fuq, huwa għalhekk importanti li tiġi enfasizzata l-kwistjoni tal-kwalità tal-infiq pubbliku u tat-tassazzjoni.

¹⁷ Dawn il-fondi jirrappreżentaw sehem sinifikanti ħafna tal-investiment pubbliku totali f'ħafna Stati Membri, u iktar minn 1% tal-PDG fis-seba' Stati Membri fiż-żona tal-euro f'sena partikolari. Barra minn hekk, il-fatt li dawn jipprovdu dħul regolari ta' appoġġ finanzjarju jfisser li jista' jkollhom ukoll funzjoni ta' stabbilizzazzjoni, speċjalment għal ekonomiji żgħir iktar esposti għall-iskossi.

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-UE speċifiċi għall-pajjiżi jenfasizzaw modi biex ifasslu politika fiskali responsabbli u li tgħin it-tkabbir u jidentifikaw xi wħud mill-oqsma prijoritarji li jibbenefikaw minn iktar infiq u nfiq aħjar jew bidla fit-tassazzjoni fil-livell nazzjonali. Dan huwa partikolarment importanti għall-pajjiżi li jeħtieġu li jindirizzaw id-dgħufijiet fit-tkabbir u/jew ir-riskji tas-sostenibbiltà fiskali fit-tul. Madankollu, minkejja l-gwida mogħtija, hemm evidenza li l-kompożizzjoni tal-konsolidazzjoni fiskali fiż-żmien ta' wara l-kriżi kienet subottimali f'ħafna Stati Membri. B'mod partikolari, l-iktar fl-Istati Membri li diġà kellhom proporzjonijiet ta' introjtu mal-PGD għoljin, il-konsolidazzjoni fiskali bbażat eċċessivament fuq iż-żidiet fit-taxxi, li naqqsu t-tkabbir (ara l-Graff 6 fl-Anness 1). Fl-istess ħin, l-infiq ta' investiment mill-gvern, li tnaqqas severament fost l-isforzi ta' konsolidazzjoni fis-snin ta' wara l-kriżi, jibqa' kompressat (ara l-Graff 7 fl-Anness 1).

Riforma tal-pensjonijiet u tas-sistemi tal-kura tas-saħħa tista' tkompli ssaħħaħ il-kwalità tal-finanzi pubbliċi. Il-pensjonijiet u l-kura tas-saħħa jikkostitwixxu l-parti l-kbira tal-finanzi pubbliċi fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u l-immodernizzar ulterjuri tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali huwa prijorità kondiviża fid-dawl tal-isfidi l-ġodda - imma anke tal-opportunitajiet - ikkawżati minn bidliet fl-istrutturi familjari, żieda fl-istennija tal-għomor u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija. Il-Grupp tal-Euro reċentement qabel dwar għadd ta' prinċipji li għandhom l-għan li jżidu s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet. Huwa stieden ukoll lill-Kummissjoni biex tqishom fil-proċessi tagħha ta' sorveljanza u tesplora l-iżvilupp ta' punti ta' riferiment xierqa fuq dik il-bażi¹⁸.

Titjib fl-oqfsa fiskali nazzjonali jistgħu jrawmu wkoll il-favorabilità għat-tkabbir tal-infiq pubbliku, anke permezz tat-twaqqif ta' analiżi tal-infiq effiċjenti u ġestjoni aqwa tal-finanzi pubbliċi fil-livelli kollha tal-gvern. Għodod u prattiki bħal dawn huma utli ħafna biex tissaħħaħ il-kredibilità tal-politika fiskali, billi l-qafas tal-UE jiġi internalizzat f'konfigurazzjonijiet politiċi nazzjonali u, b'hekk, jissaħħaħ is-sens ta' responsabbiltà. Il-prinċipji għat-twettiq ta' analiżi tal-infiq li ġew endorsjati reċentement mill-Grupp tal-Euro jipprovdu punt tat-tluq utli hafna¹⁹.

Prijorità importanti oħra għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri hija li ċerti partijiet tal-finanzi pubbliċi tagħhom jirreaġixxu iktar biex jiffaċiltaw l-iżviluppi ċikliċi, u b'hekk tiżdied il-funzjoni tal-istabbilizzazzjoni makroekonomika tagħhom. Hemm ħafna aspetti tal-finanzi pubbliċi li għandhom proprjetajiet kontroċikliċi u li jassorbu l-iskossi bħall-assigurazzjoni fuq il-qgħad u s-sistemi ta' assistenza soċjali, jew in-natura progressiva tas-sistemi tat-taxxa fuq id-dħul.

Bosta strumenti tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa joffru modi għall-Istati Membri biex ikabbru l-valur finanzjarju tal-interventi pubbliċi tagħhom fl-ekonomija reali,

¹⁸ L-istqarrija tal-Grupp tal-Euro dwar il-prinċipji komuni għat-tisħiħ tas-sostenibilità tal-pensjonijiet tinsab hawnhekk: <http://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2016/06/16-eurogroup-pension-sustainability/>

¹⁹ Ara: http://www.consilium.europa.eu/en/meetings/eurogroup/2016/09/spending-reviews_commission_note_pdf

b'benefiċċji domestiċi u f'pajjiżi oħra. Dan ikun pereżempju jekk Stati Membri jagħżlu li jużaw aħjar strumenti finanzjarji innovattivi skont il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej. Dan ikun il-każ ukoll meta Stati Membri jiddeċiedu li jagħtu kontribut għall-użu tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS). Pereżempju, garanziji lill-FEIS huma mod partikolarment effikaċi għall-Istati Membri bi spazju fiskali biex jagħmel tajjeb għall-impenji tagħhom biex jagħtu sehemhom biex jappoġġaw l-irkupru taż-żona tal-euro²⁰.

Is-suċċess ta' kull stimolu mmirat lejn żieda fl-investiment jiddependi mid-disponibbiltà tal-proġetti tal-kwalità. Fil-livell Ewropew, Portal ta' Investiment Ewropew ġdid jipprovdi eżempji ta' proġetti Ewropej ta' interess għall-investiment. Fil-livell nazzjonali, huwa importanti li jsir progress lejn pjanijiet ta' infrastruttura nazzjonali maqbula u kkoordinati fost il-livelli kollha tal-amministrazzjoni, sabiex jiġi żgurat fluss stabbli ta' proġetti ta' kwalità għolja.

6. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni poġġiet l-impjiegi, it-tkabbir u l-ġustizzja soċjali fil-qalba tal-aġenda tagħha. Hija ffukat l-azzjoni tagħha fuq "trijanglu virtuoż" ta' politika ekonomika li tgħaqqad it-tnedija mill-ġdid tal-investiment, l-impenn lejn ir-riformi strutturali u politiki fiskali responsabbli. Hija ċċarat u użat il-flessibilità li teżisti fir-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, biex tqis aħjar iċ-ċiklu ekonomiku u tipprovdi inċentivi għar-riformi strutturali u l-investiment. Hija pprovdiet gwida konċiża fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tagħha.

Fi stadju fejn l-irkupru għadu fraġli u l-inċertezza hija għolja, hemm bżonn ta' pożizzjoni fiskali sinifikament iktar pożittiva għaż-żona tal-euro. Dan hu importanti biex tingrana l-ekonomija reali, imma wkoll biex tkun appoġġata l-politika monetarja tal-Bank Ċentrali Ewropew. Fl-istess ħin, orjentazzjoni ta' dan it-tip għandha tibni fuq il-qafas legali stabbilit mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u tqis it-tħassib dwar sostenibbiltà fiskali usa', li hija partikolarment rilevanti għal ċerti Stati Membri. Din l-orjentazzjoni l-ġdida għandha tkun parti minn riekwilibriju tat-taħlita ta' prioritajiet u ta' politiki taż-żona tal-euro, inkluż iffukar ikbar fuq il-kwalità tal-finanzi pubbliċi u l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali.

Fin-nuqqas ta' funzjoni ta' stabbilizzazzjoni fiskali, ma hemm l-ebda mekkaniżmu intern fil-livell tal-UE biex tasal għal pożizzjoni fiskali li tkun xierqa għaż-żona tal-euro kollha filwaqt li tkun ibbilanċjata sew fil-livell tal-Istati Membri. L-applikazzjoni għamja tar-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, billi jiġu injorati l-elementi ta' flessibilità li fihom, ukoll ma tirriżultax f'eżitu sodisfaċenti, speċjalment fiċ-ċirkostanzi attwali. It-tfassil ta' pożizzjoni fiskali pożittiva hija b'hekk essenzjalment kwistjoni għar-responsabbiltà kollettiva tal-Istati Membri taż-żona tal-euro.

²⁰ Il-kontribuzzjonijiet għall-FEIS jistgħu jieħdu l-forma ta' flus jew garanziji. Filwaqt li kontribuzzjonijiet fi flus, kuntrarjament għall-garanziji, iżidu d-defiċit u d-dejn f'termini statistiċi, dawn ikunu newtralizzati għall-fini tal-valutazzjoni tal-konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Fid-dawl tal-bżonn ta' azzjoni f'dan l-istadju, il-Kummissjoni tikkonferma l-intenzjoni tagħha:

- Li tappoġġa l-Grupp tal-Euro, il-Kunsill u l-Kunsill Ewropew fid-diskussjoni tagħhom dwar ir-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro għall-2017–2018. Ir-Rakkomandazzjoni għandha tistabbilixxi direzzjoni ġenerali għall-pożizzjoni fiskali taż-żona tal-euro u tispeċifika r-ripartizzjoni tal-isforzi skont il-kategoriji differenti ta' Stati Membri, mhux biss fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika u fiskali, imma anke tal-aggregat taż-żona tal-euro. L-Istati Membri fil-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv u l-oħrajn li għad iridu jipprograww lejn l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju għandhom iktar jagħmlu dan, kif rakkomandat lilhom. L-Istati Membri bi spazju fiskali għandhom jitħeġġew iwettqu politika fiskali iktar espansjonarja, inkluż bl-użu sħiħ tal-għodod tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt fuq l-ekonomija reali, bħall-garanziji għall-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi.
- Li tkompli tapplika l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir bl-interpretazzjoni ekonomika prevista mir-regoli, inkluż li jitqiesu l-isfidi u l-prijoritajiet taż-żona tal-euro kollha. Dan l-approċċ huwa rifless ukoll fl-opinjoni tal-Abbozzi ta' Pjan Baġitarju għall-Istati Membri taż-Żona tal-Euro adottati llum²¹.
- Li tikkomunika ma' kull Stat Membru taż-żona tal-euro, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, biex jiġu riflessi aħjar l-isfidi u l-prijoritajiet għaż-żona tal-euro fil-politiki nazzjonali. Dan ikun partikolarment il-każ għall-Istati Membri soġġetti għal analizzijiet fil-fond bħala parti mill-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku. Ir-rapporti tal-pajjiżi fi Frar li ġej se jintużaw biex jiġi segwit il-progress ta' kull Stat Membru.
- Li tkompli tuża l-istrumenti kollha fil-livell tal-UE, bħal dawk tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, biex timmassimizza l-impatt tal-infiq pubbliku fil-livelli kollha tal-gvern, inkluż b'mod transfruntier, u biex issaħħaħ is-sinerġiji bejn l-istrateġiji nazzjonali u tal-UE.
- Li tiġi rivalutata s-sitwazzjoni regolarment fil-kuntest tas-Semestru Ewropew 2017 u t-tbassir ekonomiku futur tiegħu. Il-Kummissjoni hija lesta tuża kull alternattiva disponibbli skont il-qafas fiskali tal-UE f'każ li l-irkupru taż-żona tal-euro jibqa' ristrett jew li jimmaterializzaw ruħhom ir-riskji negattivi. Min-naħa l-oħra, riskji ta' soprażbilanċ u politika proċiklika għandhom jiġu evitati, jekk l-irkupru jkun aqwa milli mistenni.

Il-Komunikazzjoni tiffoka essenzjalment fuq is-sitwazzjoni speċifika tal-2017-2018 imma hija parti minn sforz usa' tal-Kummissjoni biex tippromwovi l-interess kollettiv taż-żona tal-euro u tal-Istati Membri tagħha, u biex tapprofondixxi l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Unjoni. Mir-Rapport tal-Ħames Presidenti, u l-Komunikazzjoni ta' segwitu mill-Kummissjoni²² l-hawn, kien hemm xi progress biex "napprofondixxu permezz tal-azzjoni".

²¹ Ara COM(2016) 730 final, 16.11.2016.

²² Ara COM(2015) 600 final, 21.10.2015.

B'mod partikolari, reċentement twaqqaf Bord Fiskali Ewropew li se jagħti pariri b'mod regolari lill-Kummissjoni fil-futur dwar il-pożizzjoni fiskali xierqa għaż-żona tal-euro u dwar l-applikazzjoni tal-qafas fiskali tal-UE.

Il-Kummissjoni se tipproponi aktar orjentazzjonijiet dwar il-futur tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja bħala parti mill-White paper tagħha dwar il-futur tal-Ewropa f'Marzu 2017.